## San Pawl u Malta (8)
# IT-TEŻOR TAL-QAJD SARAĊIN TA' L-IMDINA



Wara li fil-21 ta' Mejju ta' l-1697 il-kapitlu tal-katidral ta rkaptu biex jibni l-katidral mill-ġdid, malajr sab ruħu xott mill-flus. Ix-xorti riedet li kif kienu jħaffru fejn illum hemm Pjazza l-Arċisqof, fil-ġenb tal-lemin tal-Katidral, tifel Rabti jismu Nazju Parnis, laqat żir tar-ram mimli flus tad-deheb, biz-zappun hu u jiġbed it-terrapien.

Qam għagħa kbir bin-nies tgħajjat: miraklu! Miraklu ta' San Pawl Missierna, li jrid il-bini jibqa' sejjer!

Id-deheb x'ħin wiżnuh, instab li kien iġib 35 libbra u disat ewwieq, jew erbatax-il ratal u nofs, li huwa ħdax-il kilogramma u sitt mit gramma tal-lum. Il-Grammastru, bħala sultan ta' Malta, deherlu li din it-truvatura kienet tiġi lilu bħala sid tal-gżira, imma l-isqof u l-kapitlu ħaqqu li, la l-flus kienu nstabu f'art tal-Knisja, kellhom, dritt għalihom huma. Il-poplu żamm ma' l-isqof u l-kanonki.

Biex tagħqad, billi l-Grammastru kunjomu kien Perellos, li bil-Katalan ifisser lanġas irqiq, u fost il-flus instabet biċċa li kellha għamla ta' lanġasa, dan malajr qal: Qed taraw kif it-truvatura tmiss lili! Indaħal il-Papa, li l-flus qasamhom bejnu u bejn il-kapitlu. Il-Grammastru għadda sehmu lill-Monti ta' Sant'Anna, fejn dewbuh u għamluh żekkini, biex isellfuhom rahan. Il-lanġasa, imma, żammha għalih u dendilha mal-kuruna tar-rużarju!

Is-sehem li kien mess lill-Knisja kien instab li jiswa erbat elef, seba' mija u tlieta u erbgħin skut, li jġibu disa' mija u għoxrin ewro tal-lum. B'hekk il-bini baqa' tiela' bla tfixkil.

Issa ngħidilkom għaliex bsart li l-flus Għarab li nstabu midfuna l-Imdina kienu tal-Qajd ta' Malta li fis-sajf ta' l-1091 sab ma' wiċċu lill-ħalliel Normann, il-Konti Ruġġieru. Bsart hekk, għax skont Helen W. Brown, li mxiet fuq dak li kien kiteb il-Konti Ciantar fl-1771, il-flus kienu ta' bejn is-sena 1038 u s-sena 1087.

Għalhekk wieħed jista' jaħseb li l-Qajd kien ħbiehom malli sar jaf li l-konti kien wasal minn Sqallija biex jisloħ kull ma kien jista' minn fuq il-Maltin u l-Għawdxin, li dak iż-żmien kienu kollha Saraċini, Misilmin jitkellmu bil-Għarbi ta' Sqallija, li minnu ġej il-Malti tal-lum.

Gofredu Malaterra, patri Franċiż, li kien ġie Malta mal-konti, kiteb li l-Maltin kellhom jagħtuh iż-żwiemel, bgħula, armi u flus bla għadd, barra l-ilsiera Nsara Griegi, li ħadhom ukoll miegħu. L-Għawdxin kienu ħabtu agħar, għax kif kienu magħluqa wara s-swar ta' l-Imdina t'Għawdex, il-konti bin-nies tiegħu, issakkeġġja l-gżira. Tissakkeġġja jfisser timla xkora b'dak kollu li jiġi għal idejk.

Nistgħu nkunu żguri li fost il-flus li kien seraq il-konti, ma kienx hemm dawk li nstabu ġoż-żir mirduma taħt dar li waqqgħuha biex jagħmlu l-wisa'.

© Victor John Galea,
Ir-Rabat, Għawdex,
Nhar it-18 ta' Frar ta' l-2008.


